# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  357/98 NA**

**Mary Grace Galea**

**vs**

**Omar Sayed u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Settembru 1999 gew nominati Dr. Ludvic Caruana u P.L. Edgar Montanaro bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Omar Sayed**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-20 ta' Frar 1998 fejn ippremettiet:

"Illi fis-17 ta' April 1995 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta;

Illi l-konvenut, li kien cittadin Sirjan, izzewweg lill-attrici semplicement ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta taz-zwieg maghha;

Illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex il-kunsens ta' l-attrici nkiseb bi vjolenza u biza';

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1995 kif indikat fl-att taz-zwieg numru 365/95, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 sub-artikolu (1) paragrafi (a) u (f) ta' l-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg kif sussegwentement emendat u taghti kull provvediment iehor li jkun opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa mharrek minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Ludvig Caruana w il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro bhala kuraturi ta' l-assenti b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-27 ta' Settembru 1999.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati tal-10 ta' Marzu 2000 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irriservaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri fil-meritu.

Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2000 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Sandra Sladden biex tigbor il-provi u tirrelata.  Hija halfet ir-relazzjoni taghha fis-seduta tas-6 ta' Frar 2001.  L-attrici, tramite d-difensur taghha, irrimettiet ruhha ghar-rapport peritali w il-kawz giet differita ghas-sentenza ghallum in difett ta' ostakolu u peress illi ma jidhirx illi jezistu xi ostakoli biex is-sentenza tinghata effettivament sejra tinghata.

Ikkunsidrat:

Illi l-Perit Legali kkunsidrat il-provi mressqa fil-parametri tas-sub-incizi ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta kif imsemmija mill-attrici fit-talbiet taghha.

Fir-rigward tas-sub-inciz (f) hija korrettement irriteniet: "*Tant l-Artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gia mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi ta' l-annullament.*"; pero' wara illi kkunsidrat illi: "*Illi kif xehdet l-attrici kemm fid-dikjarazzjoni taghha, kif ukoll meta xehdet viva voce quddiem l-esponenti, l-attrici giet imgieghla tizzewweg. Tant giet imgieghla illi lill-konvenut lanqas biss kienet tafu. Iltaqghet mieghu darba biss. Kienet kollha manuvra t'omm l-attrici li riedet izzewwigha lil Sirjan ghall-flus.*", waslet ghall-konkluzzjoni: "*Fid-dawl ta' din ix-xhieda, l-esponenti hi tal-fehma illi l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.*"

L-istess Perit Legali imbaghad ikkunsidrat in-nullita' ta' dan iz-zwieg taht is-sub-inciz (a) ta' l-Artikolu 19 (1) li jipprovdi: "*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza*"'. Hija waslet ghall-konkluzzjoni illi wkoll taht dan is-sub-inciz il-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat fil-mument taz-zwieg: "*Fl-opinjoni ta' l-esponenti, fil-mument meta inghata l-kunsens taz-zwieg, il-biza' ta' l-attrici kien wiehed insuperabbli ghaliha, anke jekk kellha l-eta' ta' 21 sena. Il-vjolenza morali w il-biza' jridu ikunu ngusti, gravi u determinanti, elementi li kolha rrizultaw f'dan il-kaz.*"

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi dawn l-opinjonijiet tal-Perit Legali. Jirrizulta mill-provi illi l-attrici giet imgieghla minn ommha li tizzewweg minhabba l-biza' reverenzjali li kellha mill-istess ommha gejja minn snin twal ta' mohqrija u dana kif xehed ix-xhud indipendenti Dun Ang. Seychell. Effettivament l-attrici qatt ma riedet tizzewweg lill-konvenut. Ix-xhieda taghha ta' kif sar iz-zwieg fir-Registru taz-Zwigijiet ma giet bl-ebda mod kontradetta kif ma giex kontradett il-fatt illi hija mhux biss qatt ma ghexet mal-konvenut izda li dan iz-zwieg qatt ma gie

kkunsmat. Minkejja li mhux direttament ippruvat hemm ukoll provi indizjarji li fil-fehma tal-Qorti huma sufficjenti biex jindikawlha illi dan kien zwieg iehor ta' konvenjenza celebrat biex il-konvenut ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1995 kif indikat fl-att taz-zwieg numru 365/95 u dana ai termini ta' l-Artikolu 19 sub-artikolu (1) paragrafi (a) u (f) ta' l-Att tal-1995 dwar iz-Zwieg kif sussegwentement emendat u dana bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.